IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

**Sentenzi** tal-Qorti tal-Ġustizzja
fil-Kawżi C-163/24 | Statul Român – Ministerul Finanţelor Publice u Curtea de Apel Bucureşti u C-293/24 | Ferreira da Silva e Brito *et*

Stqarrija għall-Istampa Nru 120/26

Il-Lussemburgu, 8 ta' Settembru 2026

## Responsabbiltà għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni: il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet li fihom parti f'kawża tista' tikseb kumpens wara deċiżjoni ġudizzjarja li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni

*Hija tikkonferma, fost l-oħrajn, li r-regola miksura għandha tagħti drittijiet lill-individwi u li l-ommissjoni żbaljata tal-qorti nazzjonali li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' din ir-regola tista' tikkontribwixxi sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà*

F'żewġ sentenzi mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn qorti nazzjonali tal-aħħar istanza, billi tippreċiża r-rwol li għandu l-ksur tal-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk, f'kawża Rumena, hija tindika li tali responsabbiltà tista' tiġi stabbilita biss jekk il-ksur tal-obbligu ta' rinviju jkun akkumpanjat mill-ksur ta' regola oħra tad-dritt tal-Unjoni li jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi. Issa, dan ma kienx il-każ hawnhekk, peress li r-regoli inkwistjoni dwar l-identifikazzjoni preċiża tas-superfiċji agrikoli jsegwu l-għan ta' interess pubbliku ġenerali tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'kawża Portugiża, ir-regoli inkwistjoni, applikati b'mod żbaljat f'sentenza ta' qorti suprema tal-2009, kellhom fil-fatt tali għan peress li jipproteġu lill-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriża. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din is-sentenza tikkostitwixxix ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, li hija waħda mill-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal ksur tal-imsemmi dritt minn waħda mill-qrati tiegħu li jiddeċiedu fl-aħħar istanza. Madankollu, hija tenfasizza ċerti elementi li hija tikklassifika bħala deċiżivi għal dan l-eżami, li jissuġġerixxu li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta sew fil-kawża prinċipali.

**Fil-Kawża C-163/24**, bidwi Rumen talab, fl-2007, għajnuna agrikola għal superfiċji ta' 264.71 ha. Wara kontroll, l-awtorità kompetenti Rumena qieset li s-superfiċji realment eliġibbli kienet biss ta' 180,62 ha u ċaħdet it-talba tiegħu. Ir-rikorsi ppreżentati kontra din id-deċiżjoni ġew miċħuda, peress li l-Qorti tal-Appell ta' Bukarest irrifjutat, fl-2012, li tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb interpretazzjoni tar-Regolament dwar is-sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-għajnuna agrikola [1]. Għalhekk, il-bidwi ressaq azzjoni għad-danni kontra l-Istat Rumen għal ksur tad-dritt tal-Unjoni. Adita b'appell, l-istess Qorti tal-Appell ta' Bukarest finalment staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, dwar jekk ir-rifjut inizjali li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari kienx ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Rumen.

**Fil-Kawża C-293/24**, impjegati tal-kumpannija tal-ajru Portugiża Air Atlantis, imkeċċija waqt ix-xoljiment ta' din il-kumpannija fl-1993, sostnew li, fil-kuntest ta' "trasferiment ta' negozju" fis-sens tad-Direttiva dwar it-trasferiment ta' impriżi [2], Transportes Aéreos Portugueses kienet assumiet parti mill-attivitajiet tagħha. Għalhekk, huma talbu l-integrazzjoni tagħhom fi ħdan din tal-aħħar. Fl-2009, il-Qorti Suprema Portugiża rrifjutat li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari dwar il-kunċett ta' "trasferiment ta' negozju" qabel ma kkonfermat iċ-ċaħda tar-rikors tal-impjegati mill-qrati Portugiżi inferjuri. L-impjegati għalhekk ressqu azzjoni għad-danni quddiem l-Awli Ċivili ta' Liżbona kontra l-Istat Portugiż għal ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lill-Qorti Suprema. Peress li din il-qorti tal-ewwel istanza kienet adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari, din tal-aħħar iddeċidiet, fl-2015, minn naħa, li f'dan il-każ kien effettivament seħħ trasferiment ta' impriża u, min-naħa l-oħra, li l-Qorti Suprema kien imissha għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari [3]. Minkejja din is-sentenza, il-qrati Portugiżi li ddeċidew fuq il-mertu ċaħdu l-azzjoni tal-ħaddiema, għar-raġuni, b'mod partikolari, li, fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq ġurisprudenza

dwar il-kunċett ta' "trasferiment ta' stabbiliment" li kienet sussegwenti għas-sentenza tal-Qorti Suprema Portugiża tal-2009. Adita b'appell straordinarju għal reviżjoni, il-Qorti Suprema finalment adixxiet, hija wkoll, lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina jekk il-pożizzjoni li hija kienet adottat fl-2009 kinitx tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni li jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Portugiż.

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għall-ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-individwi allegatament leżi għandhom dritt għal kumpens meta jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi: ir-regola tad-dritt tal-Unjoni miksura għandu jkollha l-għan li tagħtihom drittijiet, il-ksur ta' din ir-regola għandu jkun suffiċjentement serju u għandu jkun hemm rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu mġarrab. Dan il-prinċipju japplika wkoll meta l-ksur jirriżulta minn deċiżjoni ta' qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali.

Fil-Kawża C-163/24, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva għalhekk li, meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda ksur tal-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, ir-responsabbiltà ta' Stat Membru tista' tiġi stabbilita biss **jekk dan il-ksur ikun akkumpanjat ukoll mill-ksur ta' regola oħra tad-dritt tal-Unjoni li jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi**. **Fil-fatt, il-ksur ta' dan l-obbligu ta' rinviju ma jistax, waħdu, ikun suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' Stat Membru.** Issa, f'dan il-każ, minn naħa, id-dispożizzjoni inkwistjoni tar-Regolament dwar is-sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-għajnuna agrikola ma tagħti ebda dritt lil bidwi li jkun talab għajnuna agrikola, peress li din id-dispożizzjoni għandha biss l-għan li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet li fihom aġixxa l-bidwi Rumen ikkonċernat ma kinux jippermettulu jinvoka dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tinsab f'regolament ieħor, li tkopri l-ipoteżi tal-iżball skużabbli.

Fil-Kawża C-293/24, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni tad-Direttiva dwar it-trasferiment ta' impriża huma intiżi li jagħtu drittijiet lill-individwi, b'tali mod li l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat Portugiż minħabba d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-2009 hija effettivament issodisfatta. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, dwar l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni mill-qorti kkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva tliet elementi li hija tikklassifika bħala deċiżivi. Għalhekk, l-ewwel nett, hija tikkonstata li s-soluzzjoni adottata fis-sentenza tagħha tal-2015 kienet diġà tirriżulta mill-ġurisprudenza preċedenti għad- deċiżjoni ta' rifjut tal-2009 tal-Qorti Suprema Portugiża, peress li din kienet ivvizzjata minn għadd ta' żbalji ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. It-tieni nett, il-fatt li l-Qorti Suprema Portugiża tbiegħdet mill-indikazzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti għal din id-deċiżjoni tal-2009 mingħajr ma għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja l-obbligu tagħha f'dan ir-rigward, jikkostitwixxi wkoll indizju ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-każ. It-tielet nett, din il-Qorti Suprema ma setgħetx tinjora li l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-approċċ metodoloġiku li hija adottat f'din id-deċiżjoni kien speċifikament fil-qalba ta' talba għal deċiżjoni preliminari pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'dak iż-żmien, fatt li jindika li l-ksur tal-imsemmi dritt imwettaq minn din il-qorti nazzjonali kien ta' natura mhux skużabbli. Fid-dawl ta' dawn id-diversi elementi, **is-sentenza tal-2009 tidher għalhekk li hija vvizzjata bi ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju**, l-istess bħar-**rabta kawżali bejn dan il-ksur u d-danni li għalihom l-ex impjegati ta' Air Atlantis qegħdin jitolbu kumpens fil-kawża prinċipali**.

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex titratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw esklużivament (1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport jew (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari l-oħra kollha.

La l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma jaqtgħu t-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt tas-sentenzi (C-163/24 u C-293/24) huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li tingħata.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Curia Web TV" kif ukoll fuq "European Broadcasting Service" ✆ (+ 32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa.

[2] Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE tal-14 ta' Frar 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' negozji.

[3] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Settembru 2015 fil-Kawża Ferreira da Silva e Brito *et*, C-160/14 (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa Nru 96/15).